VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,262, 3 ta' Ġunju, 2014
Taqsima B

A.L. 187 tal-2014

ATT DWAR L-INTRAPRIŻA TA' MALTA (KAP. 463)

Regolamenti tal-2014 dwar Krediti ta' Taxxa għal Intrapriżi Mikro u għal Persuni li Jaħdmu għal Rashom

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta, il-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar, wara konsultazzjoni mal-Korporazzjoni dwar l-Intrapriża ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2014 dwar Krediti ta' Taxxa għal Intrapriżi Mikro u għal Persuni li Jaħdmu għal Rashom.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'ohra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta; Kap. 463.

"impriża" għandha t-tifsira mogħtija lilha fl-Att;

"il-Korporazzjoni" tfisser l-Intrapriża ta' Malta imwaqqfa taħt l-Att;

"Linji Gwida" tfisser dawk il-linji gwida li jistgħu jiġu ppubblikati mill-Korporazzjoni minn żmien għal żmien skont l-Att;

"spejjeż eliġibbli" tfisser dawk l-ispejjeż kif jiġi stabbilit fil-Linji Gwida.

Krediti ta' taxxa għal intrapriżi mikro u għal persuni li jaħdmu għal rashom.

3. (1) Meta l-Korporazzjoni tkun sodisfatta li impriża li qegħda twettaq kummerċ jew negozju tkun teħtieġ assistenza biex tespandi, tagħmel innovazzjoni jew tinvesti fin-negozju tagħha f'Malta, il-Korporazzjoni tista' tipprovdi impriza bħal dik bi kreditu ta' taxxa. L-intensità tal-kreditu ta' taxxa għandha tkun konformi mal-pattijiet u kondizzjonijiet stabbiliti fil-Linji Gwida:

Iżda dan il-benefiċċju għandu jiġi kalkolat fuq l-ispejjeż eliġibbli li jsiru mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembu 2020:

Iżda wkoll l-ammont totali ta' krediti ta' taxxi li jistgħu jingħataw konformi ma' dan ir-regolament m'għandhomx jeċċedu t-tletin elf euro (€30,000) fuq perijodu ta' tlett snin konsekuttivi, skont it-termini u l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Linji Gwida:

Iżda wkoll kumpanniji *start-up* stabbiliti f'Ghawdex jistgħu jingħataw ammont totali ta' krediti ta' taxxi konformi ma' dan ir-regolament li m'għandhomx jeċċedu l-ħamsin elf euro (€50,000) fuq perijodu ta' tlett snin konsekuttivi, skont it-termini u l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Linji Gwida.

(2) Sabiex tikkwalifika għall-benefiċċju taht is-subregolament (1), l-impriża:

(a) m'għandhiex tkun qegħda timpjega aktar minn tletin impjegat *full-time*, jew ekwivalenti, fil-kummerċ jew in-negozju taghħa; u

(b) għandu jkollha *turn-over* jew total fil-bilanċ li ma jeċċedix l-għaxar miljun euro (€10,000,000).

(3) Il-kreditu ta' taxxa msemmi f'dan ir-regolament ikun dovut bħala tnaqqis mit-taxxa li titħallas fuq l-*income* taxxabbli tagħha li jiġi mill-kummerċ jew min-negozju tagħha għal dik is-sena ta' stima li tibda fl-1 ta' Jannar tas-sena li tiġi minnufih wara s-sena li fiha jkunu saru l-ispejjeż eliġibbli, u, meta l-kreditu ta' taxxa, għal dik is-sena ta' stima, ikun jeċċedi t-taxxa fuq l-*income* li jitħallas minn dik l-impriża għal dik is-sena, l-eċċess fil-kreditu ta' taxxa għandu jitħalla jingħadd ma' dak għas-sena ta' wara u jkun meqjus bħala kreditu ta' taxxa għal dik is-sena:

Iżda kreditu ta' taxxa ma għandux ikun jagħti lok għal dritt ta' rifużjoni ta' taxxa.

(4) Meta impriża tkun ibbenefikat mid-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament, il-kreditu ta' taxxa għandu jitqies illi jkun ħeles mit-taxxa lil dik il-parti tal-*income* taxxabbli tal-impriża li, meta jiġi moltiplikat bir-rati ta' taxxa li bihom kienet taxxabbli f'dik is-sena, tkun ugwali għall-kreditu ta' taxxa fuq l-investiment; u meta l-impriża jew xi impriża sussegwenti tiddistribwixxi l-*income* li jkun hekk meqjus li kien meħlus mit-taxxa, dik l-impriża jew impriżi għandhom jiddikjaraw fid-*dividend warrant* li għandu x'jaqsam ma' dik id-distribuzzjoni li dik it-taxxa kienet meħlusa mit-taxxa bi kreditu ta' taxxa skont dan ir-regolament; u t-taxxa li kienet hekk meħlusa ma tkunx disponibbli għal rifużjoni għal kull fini tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

Kap. 123.

(5) (a) F'każ ta' impriża li tkun kumpannija, l-*income* taxxabbli li hu meqjus li ġie meħlus mit-taxxa skont is-subregolament (4) għandu jkun, għall-finijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, allokat fil-kont intaxxat b'mod finali tal-kumpannija inkwistjoni u kull dividend, jew parti minnu, li jkun imqassam minn dak l-*income* ikun eżenti mit-taxxa fuq l-*income* meta jasal f'idejn il-membri tal-

Kap. 123.

VERŻJONI ELETTRONIKA

kumpannija malli dawn jirċievu dak it-tqassim.

(b) Meta dividend imsemmi fil-paragrafu (a) jitqassam lil membru li jkun ukoll kumpannija, f'dan is-subregolament imsemmi bħala "it-tieni kumpannija", dak id-dividend jista' bl-istess mod jitqassam mit-tieni kumpannija lil membru tagħha stess bħala dividend eżenti mit-taxxa fuq l-*income* f'idejn min jirċievih, u meta membru tat-tieni kumpannija jkun ukoll kumpannija, id-dispożizzjonijiet preċedenti ta' dan is-subregolament għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* bħallikieku dak li jingħad hemm għat-tieni kumpannija kien qed jingħad ukoll għal dak il-membru, u l-prinċipju stabbilit f'dan is-subregolament għandu jibqa' jiġi applikat għaldaqstant kemm dak il-qligħ jew parti minnu li għalih japplika dan ir-regolament jitqassmu bħala *dividends*.

(6) F'każ ta' kumpannija, ebda kreditu ta' taxxa ma jkun dovut lil xi impriża taħt dan ir-regolament kemm-il darba dan ma jintalabx fil-parti adatta tal-prospett tat-taxxa mibgħut b'mezzi elettroniċi sa mhux aktar tard mid-data tal-prospett tat-taxxa relattiv.

(7) Applikazzjonijiet għal assistenza taħt dan ir-regolament għandhom jaslu għand il-Korporazzjoni sa mhux aktar tard mis-26 ta' Marzu 2021.